**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 37 – IT-TLIETA 24 TA’ APRIL 2012

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

Fil-5.30 p.m., il-kunsilliera prezenti kienu s-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, u l-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

Fil-5.40 p.m., il-Kunsilliera, s-Sinjorina Lorraine Farrugia, u l-Kunsillier, Dr Marc Sant, daħlu għall-laqgħa u għalhekk intlaħaq l-*quorum* u bdiet l-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NUMRU 36

1.1 Il-minuti numru 36 inqraw u wara li kienu approvati, tlieta favur – is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, is-Sinjura Magda Magri Naudi u is-Sinjorina Lorraine Farrugia, u wieħed kontra – Dr Marc Sant, ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondati mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris.

## 2. MOZZJONI 01/2012 – BIEX JINTELA L-POST TA' KUNSILLIER BL-GĦAŻLA.

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castali Paris, sekondat mill-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni numru 1 tal-2012 – Biex Jintela l-Post tal-Kunsillier bl-Għażla.

2.2 Fil-5.45 p.m. l-Kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, u l-Kunsillier, Dr Marc Sant, telqu mil-laqgħa.

2.3 Fis-6.30 p.m., wara stennija ta nofs sigħa, is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, aġġorna l-laqgħa għar-raġuni li ma kienx hemm *quorum*, għal-Ħamis 26 ta' April 2012 fis-6.30 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris — Alfred Buhagiar

Is-Sindku — Aġent Segretarju Eżekuttiv